



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9878/19

SOC 406
EMPL 303
ECOFIN 537
EDUC 255

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Aspetti Orizzontali Soċjali u tal-Impjiegi tas-Semestru Ewropew 2019 - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mill-Presidenza li tiddeskrivi l-kuntest għad-dibattitu ta' orjentazzjoni u li tipprovdi gwida, kif ukoll sett ta' mistoqsijiet għad-diskussjoni mill-Ministri fil-Kunsill EPSCO tat-13 ta' Ġunju 2019.

**Dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-aspetti orizzontali soċjali u tal-impjiegi tas-Semestru
Ewropew 2019**

EPSCO, 13 ta' Ġunju 2019

Iċ-ċiklu tas-Semestru: gwida għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa

Il-pakkett tas-Semestru Ewropew tal-2019 jikkonferma li l-Unjoni Ewropea qed tkompli tesperjenza tkabbir ekonomiku u fl-impjiegi. Fi tmiem l-2018, aktar minn 230 miljun ruħ kellhom impjieg fl-UE u r-rata tal-qgħad qed tkompli tonqos, u issa tinsab ferm taħt il-livell ta' qabel il-kriżi. Barra minn hekk, wara li laħqet 73.1 % fl-2018, x'aktarx li r-rata ta' impjieg tqarreb lejn il-mira tal-impjiegi ta' Ewropa 2020 ta' 75 %.

Fl-istess ħin, l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali qed jonqos. Sa tmiem l-2017 kien hemm 4.2 miljuni inqas friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali milli fl-2008. Għalkemm it-triq lejn il-mira ta' Ewropa 2020 ta' 20 miljun inqas fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali għadha twila, sar progress lejn il-mira u s-sitwazzjoni tidher li qed titjieb malajr.

Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha jibbenefikaw b'mod ugwali minn dawn ix-xejriet pożittivi.

Is-Semestru Ewropew għandu rwol ċentrali fil-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea u jgħin lill-Istati Membri jilhqqu l-miri stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020. Fil-qafas tas-Semestru Ewropew, ir-riformi strutturali appoġġaw it-tkabbir inklużiv u l-impjiegi, filwaqt li ffaċilitaw it-tnaqqis tal-iżbilanċi makroekonomiċi. L-integrazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fis-Semestru Ewropew mill-2018 tista' tappoġġa aktar dan il-proċess, filwaqt li trawwem konverġenza 'l fuq lejn kondizzjonijiet aħjar tal-ġajxien u tax-xogħol.

L-adozzjoni tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) tal-2019 immarkat il-punt tat-tluq ta' ċiklu attwali tas-Semestru Ewropew. Il-prijoritajiet stabbiliti fis-SAT huma interkonnessi mill-qrib u rinfurzati b'mod reċiproku, filwaqt li jirfdu l-ħtieġa ta' approċċ integrat fil-livell nazzjonali u tal-UE, sabiex jiġi żgurat tkabbir inklużiv u żvilupp ekonomiku sostenibbli, filwaqt li tittejjeb is-sitwazzjoni soċjoekonomika ġenerali. Kien hemm ukoll enfasi speċjali fuq il-ħtieġa għal investiment ibbażat fuq is-sitwazzjoni speċifika fil-livell nazzjonali u reġjonali.

L-Istrateġija Ewropea 2020: il-miri tad-deċennju attwali għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

L-istrateġija Ewropa 2020 tistabbilixxi miri ambizzjużi fl-oqsma tal-impjiegi, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-tibdil fil-klima u l-enerġija, l-edukazzjoni, il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Is-suċċess fil-ksib ta' dawn il-miri huwa differenti. Il-mira tar-rata tal-impjiegi ta' 75 % tista' tintlaħaq sal-2020. Sar progress ċar fis-sitwazzjoni soċjali; madankollu, kif imsemmi hawn fuq, il-ksib tal-mira li jitneħħew 20 miljun persuna mir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali għadu joffri sfida, u l-eżitu finali f'dan il-qasam ser jiġi affettwat mill-prospettiva ekonomika ġenerali.

Għalkemm il-miri tal-UE 2020 ikopru oqsma differenti, dawn huma kollha interkonnessi. L-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità huwa essenzjali biex in-nies ikunu jistgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol. Fl-istess ħin, il-mira tar-riċerka u l-iżvilupp ta' Ewropa 2020 hija relatata mill-qrib mal-għanijiet tal-edukazzjoni u l-impjiegi. Minn naħa, ir-riċerka u l-iżvilupp jistgħu jwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi u jżidu l-impjegabbiltà u l-produttività billi jipprovdu l-ħiliet u t-teknoloġiji meħtieġa; min-naħa l-oħra, it-teknoloġiji l-ġodda jistgħu jwasslu wkoll għal aktar bidliet fis-soċjetà u trasformazzjonijiet fis-suq tax-xogħol.

Is-Semestru Ewropew, filwaqt li jimmonitorja l-progress lejn il-miri tal-UE 2020, jipprovdi wkoll qafas għall-analiżi u l-iżgurar tar-rabta b'saħħitha bejniethom. Dan ser ikompli jkun element essenzjali fil-koordinazzjoni ta' riformi tal-politika soċjali u tax-xogħol.

It-triq 'il quddiem: il-politiki soċjali u tax-xogħol bħala elementi ewlenin fil-proċess tas-Semestru Ewropew

Kull sena, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw riformi strutturali mmirati lejn il-ħolqien ta' kondizzjonijiet favorevoli għat-trawwim tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-promozzjoni ta' inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, u l-iżgurar tal-inklużjoni soċjali u ekonomika ta' kulħadd.

It-tkabbir reċenti fl-impjiegi kien xprunat l-aktar minn nisa u ħaddiema akbar fl-età, iżda għad hemm lakuni fir-rati tal-impjieg tagħhom meta mqabbla mal-medja. Fl-istess ħin, il-faqar fost min għandu xogħol huwa għoli u qed jiżdied f'diversi Stati Membri u għad hemm livelli għoljin ta' inugwaljanza fl-introjt. Ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali jibqa' sfida b'mod partikolari għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, għat-tfal, persuni b'diżabilità u persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. Għalhekk huwa importanti li l-isfidi soċjali u tas-suq tax-xogħol jibqgħu fil-qalba tas-Semestru Ewropew, u li jiġu indirizzati f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jibbenefikaw b'mod ugwali minn xejriet ekonomiċi pożittivi jsaħħaħ is-sostenibbiltà tal-ekonomija, irawwem il-fiduċja fl-Unjoni Ewropea u jwessa' l-appoġġ għall-valuri komuni Ewropej.

Is-Semestru Ewropew: għodda ta' gwida utli għall-koordinazzjoni tal-politika Ewropea futura

Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi ewlenin, filwaqt li l-implimentazzjoni tagħhom tinsab fil-qalba tal-proċess tas-Semestru Ewropew. Ir-rati ta' implimentazzjoni jitjiebu matul is-snin, peress li normalment ir-riformi jieħdu ż-żmien biex jidħlu fis-seħħ. Għalhekk, 30 % biss tas-CSRs tal-2011 sal-2018 ma rreġistraw l-ebda progress jew progress limitat, filwaqt li 26 % minnhom kienu ġew kompletament jew sostanzjalment implimentati. Permezz ta' aktar titjib fl-implimentazzjoni tar-riformi, is-Semestru Ewropew jista' jsir għodda għall-koordinazzjoni tal-politika saħansitra aktar b'saħħitha madwar l-Unjoni Ewropea, li jikkontribwixxi għal żieda fil-koeżjoni bejn l-Istati Membri u prestazzjoni tal-UE mtejba b'mod ġenerali.

Għalhekk huwa essenzjali li jsiru sforzi biex jittejbu r-rati ta' implimentazzjoni tas-CSRs permezz tal-qsim tal-esperjenza ta' sfidi komuni u tal-aħjar prattika biex jiġu indirizzati, kif ukoll permezz ta' monitoraġġ effettiv tal-iżviluppi u djalogu msaħħaħ fl-istadji kollha mal-imsieħba soċjali u partijiet ikkonċernati oħra kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-isforzi ta' riforma jiġu appoġġati permezz ta' finanzjament xieraq, billi jsir użu effettiv tal-fondi strutturali, b'mod partikolari l-FSE u l-FSE+.

F'dan l-isfond, u bil-ħsieb li jingħata kontribut lill-Kunsill Ewropew, il-ministri huma mistiedna jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *Is-Semestru Ewropew huwa għodda effettiva biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jtejbju l-prestazzjoni tal-impjiegi u dik soċjali tagħhom b'mod koordinat, inkluż billi jinkisbu l-miri ta' Ewropa 2020?*
 2. *Kif jista' jiġi aġġustat aktar il-proċess tas-Semestru biex isaħħaħ id-dimensjoni soċjali tiegħu, inkluż billi jiżgura li l-kunsiderazzjonijiet soċjali jitqiesu kif xieraq f'oqsma oħra ta' politika?*
 3. *Permezz ta' liema miżuri jistgħu l-Istati Membri jżidu s-sjeda tal-proċess tas-Semestru Ewropew sabiex titjieb l-implimentazzjoni effettiva u koordinata tas-CSRs u r-riformi nazzjonali?*
-